# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

## Laqgħa Nru. 26

Il-Ġimgħa 16 ta' Lulju 2021

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Dr. Daniel Attard | - Sindku |
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku Dr. Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 26.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji;

**26.1.01** n/a

## 26.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-25 u Laqgħa Pubblika.

**26.2.01** Il-minuti tal-Laqgħa Numru 25 u Laqgħa Pubblika ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 26.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**26.3.01** Dokument ta' ftehim mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar dwar *ring fencing* għall-fondi għall-*area* ta' rikreazzjoni. Il-Kunsill approva dan id-dokument u ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. B'dan id-dokument il-Kunsill qed jorbot l-ammont ta' €74,500 għall-proġett ta' rikreazzjoni.

Il-Kunsilliera staqsew fejn waslet l-applikazzjoni dwar dan il-proġett. Is-Segretarja nformathom li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar datata 23/06/21 (Notification of Suspension) fejn talbu aktar informazzjoni. Mill-ewwel kellmet lill-perit u dan qal li talbu aktar informazzjoni. Jidher li l-informazzjoni ma ngħatatx mill-perit u għalhekk l-applikazzjoni ġiet sospiza sat-22 ta' Diċembru biex juża dan iż-żmien biex jagħti l-informazzjoni meħtieġa. Fost l-informazzjoni hemm bżonn *photomontage*. Għal dan il-għan is-Segretarja ġabret kwotazzjoni ta' €1,180 wara li l-perit ta' kwotazzjoni ta' €2,301.00 mingħand kumpanija oħra. Il-Kunsilliera approvaw il-kwotazzjoni ta' €1,180 għal *photomontage*.

Il-Kunsilliera espremew id-diżappunt tagħhom dwar in-nuqqas ta' effiċjenza minn naħa tal-perit tal-Kunsill.

**26.3.02** Ċir AKL 2021/060 'EUROPEAN MOBILITY WEEK 2021 – Competitions PR170621 Activities for the European Mobility Week 2021'. Il-Kunsill tal-Għasri mhux ha jieħu sehem f'din il-kompetizzjoni.

**26.3.03** Wara d-deċizjoni meħuda fl-aħħar laqgħa l-Kunsill inkariga perit sabiex timtela l-formula ta' Transport Malta għall-*Swim Zone* fil-bajja ta' Wied l-Għasri. Ġabar ukoll kwotazzjonijiet għax-xogħol ta' installazzjoni tas-*swim zone*. Il-Kunsill ħallas il-mizata ta' €50 lit-TM u qed jistenna l-permess biex jiġu nstallata s-*swim zone*.

**26.3.04** Konferma mingħand l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Enerġija, L-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli dwar installazzjoni ta' *Charging Pillar* fil-lokal tal-Għasri fi Triq ta' Għammar.

**26.3.05** Direttiva 3/2021 'Per Diem' Applikabbli għas-Sindki, Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi (safar).

**26.3.06** Ċirkulari 4/2021 Servizz tal-*Internet* għall-*Live Streaming* tal-Laqgħat. Il-Kunsill ġie nformat li servizz mal-GO plc li jintuza għall-*live streaming* tal-laqgħat u ffinanzjat mid-dipartiment ser jiskadi fl-aħħar ta' Awwissu. Il-Kunsill ġie mħeġġeġ biex juza s-servizzi provduti mill-MITA iżda l-Kunsill jista' jaqleb is-servizz tal-GO plc mal-Kunsill u jħallas għal dan is-servizz il-Kunsill. Il-Kunsill għandu jara x'inhu l-aħjar.

**26.3.07** Ċirkulari Numru 5A/2021 Politika għall-Gvern Lokali 2021. Tfakkira biex il-politikanti (Kunsilliera) jagħtu *feedback* qabel is-16 ta' Lulju 2021.

**26.3.08** Direttiva 2/2021 *Contracts (Community Works) Managers*. Din id-Direttiva qed tobbliga l-ingaġġ ta' *Contracts (Community Works) Manager*. Il-Kunsill diġa għandu kuntratt ta' *Contracts Manager* iżda b'termini differenti. Din il-pożizzjoni trid tiġi diskussa fil-laqgħa tar-Reġjun sabiex jiġi diskuss il-possibiltà li dan ix-xogħol jingħata b'mod reġjonali.

**26.3.09** Kopja tal-Avviz tal-Gażżetta tal-Gvern dwar offerta tal-ġbir ta' skart li nħarġet mill-Kunsill Lokali tal-Għasri f'isem l-Għasri u San Lawrenz.

**26.3.10** *Draft* tal-offerta għall-*embellishment* tal-Pjazza. Din għandha titpoġġa fuq l-aġenda għall-laqgħa li jmiss.

**26.3.11** Kopja tar-rapport tal-*case officer* dwar applikazzjoni numru PA/06115/20 – 'Site at Wied tas-Seqer, Għasri. To construct a farmer's dwelling on top of a sheep farm approved in PA4753/19'. Ir-rakkomandazzjoni huwa *Grant*. Il-Kunsilliera wrew id-dispjaċir tagħhom għal din ir-rakkomandazzjoni għaliex ma jixtiequx li l-entratura tal-Għasri tispiċċa mibnija.

**26.3.12** Is-Segretarja ġibdet l-attenzjoni li l-kuntratt tat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika ser jagħlaq fl-aħħar ta' Awwissu. Il-Kunsill iddeċieda li joħroġ sejħa għall-offerti. L-evalwaturi għandhom ikunu l-istess persuni li s-soltu jagħmlu l-evalwazzjonijiet, (l-Avukat Joshua Grech, Fabian Galea u l-Inġinier Mario Cauchi. Dawn huma persuni kwalifikati f'dan il-qasam u jafu jħadmu s-*sistema online*.

## 26.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

**26.4.01** Il-Kunsillier Sammy Saliba talab biex issir *patching* fi Triq tal-Kanun.

## 26.5 Laqgħa mal-*Gozo Association for the Deaf*;

**26.5.01** Saret laqgħa mas-Segretarja u President tal-*Gozo Association for the Deaf*. Waqt din il-laqgħa saret prezentazzjoni dwar kif din l-assoċjazzjoni tgħin lill-persuni neqsin mis-smiegħ. Il-Kunsill ġie nformat li hemm xi persuni mill-Għasri li jagħmlu użu mis-servizz ta' din l-Assoċjazzjoni u għalhekk talbu l-kooperazzjoni mill-Kunsill tal-Għasri. Dan is-servizz ikun jikkonsisti minn bejgħ ta' batteriji tal-"hearing aids" mill-uffiċċju tal-Kunsill u dan biex jiffaċilita dan is-servizz għar-residenti peress li l-uffiċċju tagħhom mhux daqshekk faċli biex tasal.

## 26.6 *Parking Bay* fi Triq il-Fanal/Triq ta' Għammar;

**26.6.01** Il-Kunsill irċieva talba mingħand resident biex issir *parking bay* fi Triq il-Fanal/Triq ta' Għammar. Dan ġie diskuss izda l-Kunsilliera ma rawx il-bżonn li ssir *parking bay* peress li jidher li dan l-ispazju qed jintuża b'mod effiċjenti.

## 26.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

**26.7.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-26 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskedi kif ippreżentati ġew aċċettati mill-Kunsill. Kopji ta' dawn l-iskedi qed jinhemżu mal-minuti.

## 26.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**26.8.01** Il-laqgħa ntemmet fid-8.45 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 27 ta'Awwissu fis-7:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, il-Ġimgħa 16 ta' Lulju 2021.

| | |
|---|---|
| **FFIRMATA** | **FFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard | Rita Mifsud Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |